Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 543/2017

Il-Pulizija
Spettur Frankie Sammut

Vs

Mohammed Ahmed Ahmed Mohammed Elgamal

Illum 14 ta Gunju 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Mohammed Ahmed Ahmed Mohammed Elgamal detentur tal-passaport Egizzjan bin-numru A02923385, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli fit-12 ta' Ottubru 2017 u jew fix-xhur ta' qabel f'dawn il-gzejjer ta' Malta, bil-hsieb illi jaghmel xi qligh li jkun, ghen, assista, ta parir jew habrek biex persuni ohra jidhlu jew jaghmlu tentattiv biex jidhlu jew johorgu jew jaghmlu tentattiv biex johorgu minn Malta bi ksur tal-Ligijiet ta' Malta, jew li sew f'Malta sew barra minn

Malta kkonguraw f'dak is-sens ma' xi persuni ohra (Kap 9, Sec 337 (a) tal-Ligijiet ta' Malta).

U aktar talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi ghen jew assista lil xi persuna biex tinzel l-art jew tittanta tinzel l-art f'Malta, jew li toqghod gewwa Malta, kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jew lil xi persuna biex tinzel l-art, tittanta tinzel l-art, jew li toqghod gewwa, jew li titlaq minn xi Stat iehor bi ksur tal-ligi dwar id-dhul, ir-residenza u l-hrug ta' dak l-Istat, jew tahbi jew taghti kenn lil xi persuna li tkun taf, jew ikollha tassew ghax tahseb, li tkun qieghda f'Malta kontra d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att (Kap 217, Sec 32 (1a) tal-Ligijiet ta' Malta).

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tal-11 ta' Dicembru, 2017, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 337A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 32 (1a) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi migjuba kontrih; tikkunsidra li t-tieni akkuza hija ghall-fini ta' piena assorbita fl-ewwel akkuza u kkundannatu ghal piena ta' multa ta' €23,293.73 li minnhom fadal jithallas il-bilanc ta' €21,158.73 billi hadet in konsiderazzjoni t-terminu ta' wiehed u sittin (61) jum li l-hati ghamel taht arrest preventiv u, wara li rat l-Artikolu 14 (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, billi l-hati m'ghandux mezzi finanzjarji biex ihallas il-multa f'pagament wiehed, ikkoncedietlu li l-multa ghandha tithallas €650 fix-xahar bl-ewwel pagament isir mhux iktar tard minn xahar b'dan li l-bilanc isir dovut kollu jekk ma tithallasx fil-pront xi pagament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appell ta' Mohammed Ahmed Ahmed Mohammed El Gamal,ipprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fit-22 ta' Dicembru 2017, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull htija u piena.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Mohammed Ahmed Ahmed Mohammed El Gamal huma s-segwenti u cioe`:-

L-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti f'dan li gej.

**L-ewwel dwar il-htija.**

(1) Fl-ewwel lok l-allegazzjoni illi sar xi hlas gewwa l-Egittu jaqbez il-kompetenza tal-Qrati Maltin u skont l-Artiklu 5 tal-Kodici Kriminali peress li l-fatt ma jigix inkorporat taht l-ebda wahda mill-ipotesijiet illi jaghtu gurisdizzjoni lil dawn il-Qrati.

Inoltre meta El Gamal tkellem mal-Pulizija u kien fl-iktar mument vulnerabbli huwa konsistentement cahad l-allegazzjonijiet kontra tieghu.

Illi dak li ntqal u specjalment in kontro-ezami kien hemm certu sitwazzjonijiet strambi. L-ewwel sitwazzjoni stramba kienet illi waqt illi jissemmew illi gew erba' persuni, wiehed biss hallas elfejn ewro. Il-mistoqsija l-ohra hija, u dawn l-ohrajn hadu passagg b'xejn? Ghax jekk wiehed hallas elfejn, tistenna li l-ohrajn hallsu elfejn bl-istess mod. Dan li hallas elfejn ma qalx illi hu kien qed ihallas ghalih innifsu u

ghat-tlieta l-ohra imma qal li hallashom ghalih innifsu. Meta gew biex jitkellmu kollha kemm huma hawn Malta fuq x'gara hawn Malta, kollha qalu illi huma lil El Gamal ma tawh flus imma kienu jafu illi l-flus kienu sejrin ghand Christian Debattista illi kellu dghajsa ohra illi fuqha suppost li kienu registrati u dawn qatt ma marru jghixu fuq dik id-dghajsa ghax dik kienet biss storja u paraventu biex jiehu €600 minghandhom fix-xahar u huma jahdmu l-art. Dawn huma fatti li hargu fil-process u ghalhekk El Gamal meta kien qieghed jghid li ma kienx qed jircievi l-ebda flus u ma kellu l-ebda ftehim maghhom, kien qieghed jghid il-verità ghax il-ftehim kien bejn Christian Debattista u l-erba' Egizzjani li ttellghu jixhdu.

(2) L-ewwel imputazzjoni mhux mibnija fuq reat tal-Kodici jew xi ligi ohra. Jidher li l-prosekuzzjoni ghamlet cocktail ta' diversi reati u holqot iehor gdid, dak li hemm fl-ewwel imputazzjoni.

Ma hemmx ghalfejn wiehed jintilef f'argumenti, li persuna tista' tinstab hatja ta' reat li jezisti fil-ligi u mhux wiehed mahluq apposta mill-prosekuzzjoni.

**Rigward il-piena.**

L-esponenti ghamel ricerka fuq il-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta biex ifittex il-multi u l-oghla multa illi hemm hija ta' €11,646.87. Il-multa li giet inflitta 'l-esponenti bl-ebda mod ma jista' jikkonkorda fiha.

Il-prosekuzzjoni kkowotat l-artiklu 32 tal-Kap 217 u l-piena massima hija ta' €11,646.87.

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2019.

Ikkunsidrat .

Rat dak li gie verbalizzat fl-atti u dan fis-eduta tal-14 ta Ottubru 2017 (fol.4) fejn allegatament fil-jum tal-prezentata xehdu diversi nies fosthom Hassan Mohammed Haez Shabban, Talat Ragab Moustafa Abouelenin, Hazem Saad Ali ELhendy liema xhieda ma tinsab inserita fl-atti u fil-fatt l-Qorti giet mgharfa li din ix-xhieda ma kienitx giet dattilografata.

Rat li fl-atti hemm numru ta stqarrijiet rilaxxjata minn diversi niex li hin mill-appellant u cioe dik ta' Hazem Saad Ali ELhendy ( fol. 10), ta' Hassan Mohammed Haez Shabban (fol. 15), u ta' Talat Ragab Moustafa Abouelenin ( fol. 18).

Rat ix-xhieda ta **Rageb Shawky lsawed Goma Kalili** kif tradotta ghall-lingwa Maltija mill-interpretu Nazmi Khalili Houto nominat b'digriet tal-ewwel Qorti nhar il-25 ta' Ottubru 2017 ( fol. 41) fejn stqarr li huwa jahdem bhala kaptan ta' dghajsa mgharufa bl-isem Manoel. Qal li sid il-bastiment jismu Manoel . Mistoqsi jekk jafx xi hadd mit-tlett min nies li gew arrestati jghid li jafhom u dawn huma Hasan Talat u Hazin. Jghid li Hasam huwa iz-ziju tieghu u jghix fuq l-art. Mstoqsi mid-difiza jghid jekk jaf kif Hasam gie Malta jghid li Hazem kien cempillu mil-Egittu u qallu fuq kwistjonni ta' flus u qallu biex imur ghand Muhammed u itih is-somma ta elfejn uero ( €2,000). Qal I huwa mar ghand Mohammed biex itih l-elfejn euro ( €2,000) u wara dan cempel lil Hasam. Huwa ta l-flus lil Mohammed . Mistoqsi jekk qallux ta xhiex kienu jghid li Mohammed qalil biex jigi hawn Malta u jiehdu fuq i-dghajsa . Mistoqsi jekk jgharafx lil Mohammed jghid li hu x-xhud prezenti . Mistoqsi kif gie Malta Mohammed jghid li gie bl-ajruplan bil-passaport u bil-visa. Mistoqsi jekk jafx lil Debttista jghid li ma jafux.

Illi nhar l-1 ta' Dicembru, 2017 ix-xhud rega ddepona u qal li Hazem kien qallu biex ighati is-somma ta elfejn euro (€2,000) lil Gamal. Qal li Hazem kien l_Egittu u l-hhlas lil Gamal sar Malta B'Bugia . Mistoqsi ghal darb ohra ghalfejn ta is-somma ta flus lil Gamal fuq domanda taz-ziju ma jghtix risposta pero jikkonferma l il-fllus kienu ta zijuh.

**Hazem Sad Ali El Hindi** ighid li huwa jaf persuna bl-isem Al Gamal u qal l huwa kien ghadda is-somma ta elfejn euro ( €2,000) lil sihbu u dan ghadda l-istess somma lil Mohammed Al Gamal . Qal li meta wasal Malta dan Mohammed Al Gamal hadu ghandu wiehed Malti . Marru ghand l-Imigration Police sabiex jigi registrat u wara marru l-flat biex ma jkollhomx problema biex joqghodu fil-flat u Karist qallu li kien ser johodli €150 fix-xahar. Mistoqsi jekk l-akkuzat hux Karst jghid li le u jghid li l-flus kien itihom lil persuna ohra . Q all Mohamed Al Gamal kien jiehu is-somma ta €150 fix-xahar u ighaddihom lil persuna ohra . Qal li huwa kien jaghti ilflu slil Gamal biex jibqa' fuq id-dghajsa pero ighid li qatt ma hadem fuq id-dghajsa .

Illi dawn hum al-provi li hemm fil-proess li a bazi taghhom din il-Qorti trid taghti l-gudizzju tghha u cioe jekk is-sentenza moghtija amill-ewwel Qorti kienitx wahda safe and satisfactory jew le.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza jidher li xehdu divesri xhieda pero' x-xhieda taghhom m'hix inserita fl-atti minkejja li l-proeksuzzjoni kienet taf li din il-kawza kienet wahda sommarja (stante il-hrug tal-kunsens tal-Avukat Generali esebit fl-atti datat 13 ta' Ottubru 2017 fol. 34) u li in effetti x-xhieda prodotti minnha bhala xhieda kienu ser jitilqu minn Malta. Fi-fatt il-prosekuzzjoni ma setghetx terga tharrek ix-xhieda li ddeponew quddiem l-ewwel Qorti biex jergew jixhdu quddiem din il-Qorti.

L-ewwel Qorti ghamlet referenza fis-sentenza taghha ghal dak li setghu allegatament qalu x-xhieda indikati fil-verbal datat 14 ta Ottbru 2017 pero' din m'hix prova tal-kontenut ta' dak li stqarru x-xhieda. Dan ghaliex l-ewwel Qorti kellha is-setgha li taghzel hi liema parti tax-xhieda kienet relevanti ghaliha biex issejjes l-argumenti tghha fis-sentenza moghtija minnha. Il-prosekuzzjoni ma ressqitx lil dawn ix-xhieda (li a bazi taghhom inghatat l-ewwel sentenza) biex jiddeponu quddiem din il-Qorti u ghalhek zgur li din il-Qorti ma tistax taghmel apprezzament vera ta' dak li ddeponew tali xhieda kif hu mistenni minnha.

Jidher li fl-atti ghalkemm ma hemmx ix-xhieda dattilografata hemm inserit numru ta' stqarrijiet li gew rilaxxjati ghand il-pulizija qabel ma gew inzijati dawn il-

proceduri u in oltre dawn l-itqarrijiet ittiehdu fl-assenza tal-akkuza meta dan ma kellux cans jikkontrolla dak Ii fil-fatt qalu.

Fil-kawza **<u>Saidi v France</u>** [1] inghad :-

"'The court reiterates that the taking of evidence is governed primarily by the rules of domestic law, and that it is in principle for the national courts to assess the evidence before them. The court's task under the Convention is to ascertain whether the proceedings in their entirety, including the way in which evidence was taken, were fair. All the evidence must normally be produced in the presence of the accused at a public hearing, with a view to adversarial argument. However, <u>the use as evidence of statements obtained at the stage of the police enquiry and judicial investigation is not in itself inconsistent with Article 6(3)(d) and (1) provided that the right to the defence had been respected</u>..' (sottolinjar tal-Qorti)

Issa l-**artikolu 646 (1)** jipprovdi princpju generali fid-dritt penali li *ix-xhieda għandhom dejjem jiġu eżaminati fil-qorti u viva voce*, salv ghall-eccezzjoijeit imsemmija fil-ligi stess. Il-proekuzzjoni ghandha id-dritt li tressaq ix-xiehda sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, u dan biex tittieħdet bil-ġurament ix-xhieda taghhom skont il-liġi, u dan bil-ghan sabiex il-proekuzzjoni tkun qed tressaq l-ahjar prova u l-prova ammissibli.

Xhud ghandu jixhed viva voce il-Qorti salv jekk ma jkunx hemm xi eccezzjoni provduta fil-ligi stess fis-sub incizi tal- artiikolu 646 tal kap 9 tal-ligjiet ta Malta (1).

Jinghad pero li hemm principju generali iehor fid-dritt penali li japplika ghal dan il-kaz u dioe dak dispost fl-**artikolu 661 tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta li jipprovdi is-segwenti:-

"*Konfessjoni ma tagħmilx prova ħlief kontra min jagħmilha,u mhix ta' preġudizzju għal ebda persuna oħra*".

---

[1] (1993 - 17 EHRR 251)

Fil-kaz in desamina jidher li l-gudizzju tal-ewwel Qorti kien ibbażżat fuq il-kredibbilta' o meno ta' xhieda li ddeponew, tant li multo magis l-ewwel Qorti għamlet osservazzjonijiet fis-sentenza tagħha fuq ix-xhieda li semghet, li kienu jinkombu fuq ix-xhieda ewlenija f'dan il-każ u fuq il-kredibbilta' tagħhom. Għaldaqsant huwa dover ta' din il-Qorti li tezamina tali xhieda u dan biex tara jekk b'dak li qalu l-istess xhieda din il-Qorti tista tasal ghall-istess gudizzju li waslet ghalih l-ewwel Qorti.

F'dan il-kaz jidher li fl-atti hemm esebiti numru ta' stqarrijiet tax-xhieda pero' din il-Qorti trid tiskarta dawn l-istqarrijiet peress li din il-Qorti ma tistax taghmel apprezzament ta' dak li qalu l-istess xhieda waqt li kienu fuq il-pedana tax-xhieda'. L-iskop ta' stqarrija ta' xhud hija dik sabiex il-proskeuzzjoni tkun tista' tikkontrolla ix-xhieda ta' dak li jkun u ma ibiddilx l-versjoni tieghu f'liema kaz ikun irid jigi dikjarat bhal xhud ostili.

Sabiex jiġi stabbilit jekk xhud hux kredibbli jew le, id-deposizzjoni trid issir viva voce ad validatem quddiem il-ġudikant li finalment ser jiġġudika l-fatti, salv l-eċċezzjonijiet imsemmijin fis-subartikolu (2) tal-aritkolu 646 tal-Kodiċi Kriminali. Dan l-eżerċizzju huwa essenzjali sabiex il-ġudikant ikun jista jasal għall-ġudizzju xieraq kif mistenni minnu wara li jeżamina l-komportament tax-xhud fuq il-pedana tax-xhieda u mhux sempliċiment jaqra traskrizzjoni tad-deposizzjoni ta' dak li jkun li mhux neċessarjament tirrispekkja kelma b'kelma dak li jkun qal u li f'ebda mod mhi ser tagħti ħjiel tal-komportament tax-xhud waqt id-deposizzjoniet tiegħu.

Tant hu hekk li meta xhieda mehuda quddiem l-ewwel Qorti ma tkunx giet dattilografata tali xhieda terga tigi imharka mill-gdid biex tixhed fil-Qorti tal-Apell. Effettivament dan huwa obbligu tal-ġudikant li jitlob li jsir dan , fid-dawl tal-artikolu 637, 638 u 639 tal-Kodiċi Kriminali li jittrattaw l-kreddibilta' tax-xhud li jkun li semmai għandha tiġi determinata minn min għandu jiġġudika l-fatti u dan *'billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra taxxiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ'*

Fil-kawza **Kostovski v. Netherlands** [2] inghad li d-dritt ta' akkuzat li jikkonfronta xhud migjub kontra tieghu "*does not mean, however, that in order to be used as evidence statements of witnesses should always be made at a public hearing in court: to use as evidence such statements obtained at the pre-trial stage is not in itself inconsistent with paragraphs (3)(d) and (1) of Article 6, provided the rights of the defence have been respected. As a rule, these rights require that an accused should be given an adequate and proper opportunity to challenge and question a witness against him, either at the time the witness was making his statement or at some later stage in the proceedings.*

L-iskop ewlieni ghaliex l-prosekuzzjoni trid tressaq ix-xhieda taghha viva voce huwa dak naxxenti mid-dispozizzjonijiet tal-artikolu 584 u 586 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta rezi applikabbli ghall-proceduri kriminali bl-artikolu 645 tal-Kap.9 li jiddisponu li :-

"*Il-parti li ggib ix-xhud .....tista' tikkontradicieh bi prova ohra , u tista' ukoll tipprova li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda li jkun qieghed jaghti*[3]*.*"

u l-**artikolu 586** ikompli jiddisponi :-

(1) "*Qabel ma tigi attakkata l-kredibilita' ta' xhud bi provi li f'okkazzjonijiet ohra huwa kien ghamel dikjarazzjonijiet li ma jaqblux max-xiehda tieghu , ghandhom jinghadu lilu dawk id-dikjarazzjonijiet biccirkostanzi taz-zmien , tal-lok u tal-persuni prezenti u huwa ghandu jigi mistoqsi jekk kienx ghamel jew le dawk id-dikjarazzjonijiet ; u ghandu jigi lilu moghti li jispjeghom .*

*(2) Jekk dawk id-dikjarazzjonijiet kienu saru bil-miktub , ghandhom jigu murija lix-xhud qabel ma ssirlu ebda mistoqsija fuqhom .*"

Dan ma jidhirx li sar fl-atti in desamina

Dan ghaliex kif gie deciz fil-kaz **Luca v Italy**

---

[2] ECHR 20 ta' Novembru, 1989

[3] Artikolu 584 tal kap 12

"*As the court has stated on a number of occasions . . . it may prove necessary in certain circumstances to refer to depositions made during the investigative stage (in particular where the witness refuses to repeat his deposition in public owing to fears for his safety, a not infrequent occurrence in trials concerning Mafia-type organisations). If the defendant has been given an adequate and proper opportunity to challenge the depositions, either when made or at a later stage, their admission in evidence will not in itself contravene Article 6.1 and 3(d). The corollary of that, however, is that where the conviction is both solely or to a decisive degree based on depositions that had been made by a person whom the accused has had no opportunity to examine or to have examined, whether during the investigation or at the trial, the rights of the defence are restricted to an extent that is incompatible with the guarantees provided by Article 6.*"

Illi ghalhekk din il-Qorti ser tiskarta l-istqarrijiet kollha li hemm fl-atti salv ghal dik rilaxxjata mill-akkuzat stante li l-istess akkuzat ma qajjem l-ebda eccezzjoni f'dan ir-rigward.

L-akkuzat stqarr li huwa sajjied fuq il-bahar fuq lancja li hija proprjeta' ta' Jonathon Farrugia. Mistoqsi jekk jafx ghaliex kien gie arrestat jghid li kien mistoqsi mill-pulizja jekk kienx gab xi Egizzjani. Jghid li wara gie mehud id-depot u hemmhekk gie rinfacjat bi tlett Egizzjani u dawn qalu li kienu ghaddewlu xi flus. Qal li huwa gie Malta f'Settembru 2016 u kien jahdem fuq id-dghajsa ta' certu Christian mgharuf il Pipi u hadem mieghu ghal perijodu ta' sena. Wara beda jahdem ma Jonathon Farrugia . Mistoqsi jekk kellux xi problema ma Chritian jghid li le u fil-fat jghid li hu habib tieghu. Jghid li xi hames xhur qabel kien kelmu dan Christian u kien qallu li kien ser jxitri xi dghajsa u ghalhekk talbu sabiex igiblu xi tlett Egizzjani pero' sa fejn jaf hu kien ghadu ma xtraiex.

Qal li pero huwa kien kellem lil certu Farui u qalli jekk riedx jigi jahdem Malta bhala sajjied u fil-fatt kien qallu li kellu x-xewqa li jghamel hekk tant li tah kopja tal passaport tieghu u dana bil-ghan sabeix Christain japplikalu mal-awtoritajiet.

Jghid li dawn in-nies kienu Hazem Hasan u Talat. Mistoqsi jekk kin minnu li ha is-somma ta' elfejn euro minghand dawn it-tleitt min nies biex gew Malta jghid li hu ma ha xejn minghadnhom . Jghid li hwua minnu li quddiemu waqt li kien fid-depot

dawn stqarru li kienu tawh is-somma ta' elfejn euro (€2,000) pero' dan ma kienx minnu xejn .

Mistoqsi jekk kienx minn li huwa flimkien ma Christian kienu qed jirrangaw biex igibu l-Egizzjani u jaqilghu il-flus minghandhom jghid li mhux minnu. Mistoqsi x ghamel bil-flus li inghata jghid li hu ma inghata xejn. Mistqosi jekk jafx li Christian hadilhom xi flus jghid li ma jafx. Mistoqsijekk ghandux xi dejn jghid li meta huwa jissellef flus minghand il-habib tieghu dejjem ihallsu lura meta jricievu l-paga. Mistqosi kemm jaqla flus fix-xahar ighid li giel, €500, gieli €600 u gieli €700 skond il-qabda tal-hut.

Illi ghalhekk f'din il-kawza din il-Qorti hija rinfacjata b'versjoni tal-fatti kif allegata mill-proskeuzzjoni u cioe' li l-akkuzat xi flus minghand tlett Egizzjani u dik imcahda minnu b'mod assolut. Illi l-versjoni tal-fatti kif proposta fl-akkuza ma hiex korroborata minn ebda cirkostanza . Naturlament dinil-Qorti qeda tiggudika il-fatti fuq provi diversi minn dawk li kellha l-ewwel Qorti u dna ghaleix din il-Qorti ma ghandhiex quddiemha ix-xhieda mghotija minn dawn it-tlett Egizzjani. Din il_Qorti trid tistrieq fuq dak li qal l-akkuzat u jekk dak li qal l-akkuzat hux imcahhad b'xi provi ohra.

L-unici xhieda li xehdu (u dan qed jinghad ghaliex lanqas il-pulizja li invetigaw l-kaz ma xehdu f'dawn l-atti) huma Rageb Shawky lsawed Goma Kalili u Hazem Sad Ali El Hindi. Hazem Sad Ali El Hindi jghid li meta gie Malta l-akkuzat hadu ghand l-Immigration police beix jirregola l-posizjoni tieghu u jghidilhom fejn ser jirrisjedi biex ma jkollu xproblemi. Fir rigward tax-xhud Rageb Shawky lsawed Goma Kalili dan ma jghidx kif gie Malta izda jghid li certu Hazan kien qallu biex jghaddi s-somma ta elfejn euro (€2,000) lill-persuna ta' Mohammed u fl-ebda hin ma jghamel referenza ghall-akkuzat pero' mistqosi dwar dawn il-flus u xi raguni ghaliex gew mghoddija lill-akkuzat ma iwegibx.

Illi fid-dawl tal-provi kif fuq imfisra din il-qorti thoss li ma hiex posizzjoni biex tghid li fil-fatt l—akkuzat assista jew ghamel xi qliegh sabeix peruni jidhlu f'Malta bil-ksur

tal-ligijeit tal-pajjiz u lanqas li ghen jew assista lil xi niex jigu Malta kontra id-disposizjonijiet tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti thoss li is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti mhiex wahda *safe and satisfactory* u ghalhekk qieghda tilqa' l-appell tal-appellat u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur